MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2013

Numru. 478/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**REDENT COMPAGNO**
**JANOVICH GATT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Redent Compagno ta’ 17-il sena, iben Carmel Compagno u Mary xebba Vella mwieled gewwa l-Pieta’ nhar is-17 ta’ Gunju, 1995, u residenti gewwa fond numru 15, Block C, Flat 1, Triq Sofija, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita’ bin-numru 254295(M).

u

Janovich Gatt ta' 15-il sena, iben Jesmond Gatt u Michelle Bugeja, imwieled il-Pieta' nhar it-30 ta' Gunju, 1997 u residenti gewwa fond numru 55, Flat 2, Triq Alexandru, Birzebbugia, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 262497(M).

Gew akkuzati talli nhar is-17 ta' Marzu, 2013, ghall-habta tal-4.30 ta' filghaxija, gewwa Ta' Qali limiti ta' H'Attard:-

1. minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghedu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-gisem ta' Jurgen Baldacchino, liema hsara gabet mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn, u dan skond ma' iccertifikat Dr. Francesca Lentini MD (Reg. No. 5358) mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215 u 216(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. aktar talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi kissru il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju w glied u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**<u>Lil Redent Compagno wahdu:</u>**

3. talli kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fil-15 ta' Ottubru, 2012 mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magistrat Dr. E. Grima LL.D), liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

**<u>Lil Janovich Gatt wahdu:</u>**

4. talli kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fl-10 ta' Ottubru, 2012 mill-Qorti tal-Minorenni (Magistrat Dr. D. Clarke LL.D), liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offizi u cioe' Jurgen Baldacchino, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna/i msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li

tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond artikolu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offizi ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok RV5 u nnutat lil-imputati Redent Compagno u Janovich Gatt m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghhom l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fis-seduta tallum l-imputati iddikjaraw li jiddispjacihom dwar l-akkadut u qeghdin jiskuzaw ruhom mal-parte civile Jurgen Baldacchino presenti fl-Awla.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Redent Compagno l-artikoli 17, 31, 37, 214, 215, 216 (1)(b) u 338(dd) tal-Kap. 9 u l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Redent Compagno, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imsemmi imputat Redent Compagno ammetta fi stadju bikri tal-kawza tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Redent Compagno taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u

inoltre tikkundanna lill-imputat Redent Compagno ghall-piena ta’ hames mitt Ewro (Ewro 500) multa .

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order rigward l-imputat Redent Compagno jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza rigward l-imputat Redent Compagno lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja ufficjal tal-Probation lill-imputat Redent Compagno.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat lill-imputat Redent Compagno ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Redent Compagno kull sitt (6) xhur.

Rat fil-konfront tal-imputat Janovich Gatt l-artikoli 17, 31, 37, 214, 215, 216(1)(b) u 338(dd) tal-Kap.9 u l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Janovich Gatt, fuq ammisjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imsemmi imputat Janovich Gatt ammetta fi stadju bikri tal-kawza tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Janovich Gatt taht Ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u inoltre tikkundana lill-imputat Janovich Gatt ghall-piena ta’ erba’ mitt Ewro (Ewro 400) multa.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order rigward l-imputat Janovich Gatt jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza rigward l-imputat Janovich Gatt lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Janovich

Gatt. L-Ufficjal tal-Probation assenjat lill-imputat Janovich Gatt ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Janovich Gatt kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputati Redent Compagno u Janovich Gatt b’obbligazzjoni personali ta’ elf u hames mitt Ewro (Ewro 1500) kull wiehed li jzommu l-kwiet ma’ Jurgen Baldacchino u li jzommu l-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tat lill-imputati Redent Compagno u Janovich Gatt l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------